Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **24 ta' Mejju 2021**

**Wirja dwar it-tempji preistoriċi tal-Gżejjer Maltin f'mużew fl-Olanda**

It-tempji preistoriċi tal-Gżejjer Maltin se jiġbdu l-attenzjoni ta' kull min iżur mużew ewlieni fl-Olanda fix-xhur li ġejjin, permezz ta' wirja fejn se jiġu esebiti bosta artefatti marbutin ma' dawn it-tempji li ntbagħtu apposta minn Malta.

Il-wirja se tibqa' għaddejja sal-aħħar ta' Ottubru fil-Mużew Nazzjonali tal-Antikitajiet tal-Olanda. Il-mużew, magħruf bħala Rijksmuseum van Oudheden, jinsab fil-belt ta' Leiden.

Għal din il-wirja, Heritage Malta bagħtet madwar 90 artefatt kif ukoll mudelli ta' sitt tempji, li lkoll flimkien joffru rappreżentanza xierqa tal-perjodu tal-preistorja f'Malta, jiġifieri bejn is-snin 3600 u 2500 qabel Kristu. L-artefatti jinkludu partijiet minn tiżjin ta' tempji, għodod, fuħħar dekorat u statwetti. Intbagħtet ukoll skultura ċkejkna li kienet instabet fit-Tempji ta' Ħal Tarxien u li turi żewġ persuni mgħannqin.

Din il-wirja hija l-frott ta' ftehim li ġie ffirmat minn Heritage Malta u mir-Rijksmuseum van Oudheden u li jkopri perjodu ta' sentejn. Il-viżitaturi tal-mużew Olandiż kienu diġà ngħataw togħma ħafifa tal-preistorja Maltija permezz ta' wirja oħra li saret bis-saħħa ta' dan il-ftehim. Din l-ewwel wirja kienet tikkonsisti f'ritratti tat-tempji megalitiċi u saret bejn Ottubru tas-sena li għaddiet u Marzu ta' din is-sena.

"It-tempji preistoriċi tagħna huma l-eqdem binjiet awtonomi fid-dinja u l-valur bla qies tagħhom hu saħansitra rikonoxxut mill-UNESCO, li tqishom bħala siti ta' wirt storiku dinji. Il-wirja li se ssir fl-Olanda mhux biss tagħti ġieħ mistħoqq lil dawn il-kapolavuri iżda hija wkoll opportunità tad-deheb biex nagħtu pubbliċità lil Malta u lill-wirt kulturali li hi mogħnija bih," qal Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, filwaqt li awgura li tkompli tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mar-Rijksmuseum van Oudheden u ma' mużewijiet barranin oħrajn.

Il-wirja fil-Mużew Nazzjonali tal-Antikitajiet tal-Olanda qed issir bl-għajnuna tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u tal-Ambaxxata tal-Olanda f'Malta.

Dawk li jixtiequ jsegwu l-inawgurazzjoni tal-wirja virtwalment, fis-27 ta' Mejju fis-7.30pm, għandhom jirreġistraw hawnhekk: https://bit.ly/2T3NkNU

Id-diskorsi fl-inawgurazzjoni se jsiru bl-Ingliż u bl-Olandiż.